# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tal-lum il-Erbgha, 30 ta' Mejju 2018**

**Rikors Kostituzzjonali Numru : 52/2018/LSO**

**Fl-Atti tar-Rikors Numru 52/2018 fl-ismijiet:**

**Alfred Degiorgio**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tar-rikorrent Alfred Degiorgio datat 21 ta' Mejju 2018 fejn talab li jigi awtorizzat jappella minn digriet moghti minn din il-Qorti fit-18 ta' Mejju 2018 li permezz tieghu awtorizzat lill-Avukat Peter

Caruana Galizia et jintervjenu *in statu et terminis ai termini* tal-**artikolu 229 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan ghar-ragunijiet imressqa fir-rikors**.**

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-24 ta' Mejju 2018 li oppona ghat-talba ghar-ragunijiet hemm dedotti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u tal-intervenuti fil-kawza li wkoll opponew ghat-talba.

Ikkonsidrat li fir-rikors tieghu, ir-rikorrent jirreferi ghall-gurisprudenza ccitata minn din il-Qorti dwar l-istitut tal-kjamat fil-kawza u jghid li din il-gurisprudenza hija ghal kollox barra minn lokha. Jghid li l-fatt li l-Avukat Peter Caruana Galizia et huma *parte civile* fil-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ma jfissirx wahdu li awtomatikament ghandhom l-interess mehtieg biex jintervjenu *in statu et terminis*. L-istess jissottometti b'riferenza ghall-obbligi pozittivi li l-Istat jista' ikollu fil-konfront tal-familja Caruana Galizia fit-termini tal-**artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea,** liema artikolu ma jatihomx dak l-interess *dirett u sostanzjali* li huwa mehtieg biex jithallew jintervjenu f'dawn il-proceduri.

Jerga' itenni l-argument li ressaq quddiem din il-Qorti, debitament trattata u deciza bid-digriet premess, li l-interess tal-familja Caruana Galizia mhuwiex wiehed f'dawn il-proceduri imma fl-ezitu taghhom.

Jallega li huma l-istess familja Caruana Galizja li qed jirrifjutaw li jghaddu l-apparat elettroniku li ntuza minn Daphne Caruana Galizia u ghalhekk, *stante* li jghid li qed jostakolaw huma stess l-investigazzjoni - raguni ohra ghaliex m'ghandhomx jigu ammessi f'dawn il-proceduri fejn l-ilment principali tieghu tirrigwarda l-jedd ghas-smigh xieraq.

Ghaldaqstant jishaq li ghandu ragunijiet gravi u serji "*jekk mhux sahansitra kweziti fihom infushom ta' natura kostituzzjonali*" li jimmeritaw li jingiebu quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali permezz ta' appell biex tiddeciedi definittivament dwarhom f'dan l-istadju.

Illi jirrizulta li d-digriet moghti ma huwiex wiehed li jaqa’ taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 229 (1) u (2)** u allura t-talba odjerna taqa’ taht il-parametri tal-**artikolu 229 (3)** li jidher li jaghti diskrezzjoni pjuttost vasta lill-Qorti sabiex tippermetti l-appell jew le u l-istess Qorti <u>tista’</u> tilqa’ li jsir appell jekk jidhrilha li jkun *ahjar u gust* li l-kwistjoni tingieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tinghata s-sentenza definittiva.

Illi l-Avukat Generali wiegeb li r-rikorrent ma gab l-ebda raguni valida ghaliex it-talba tieghu ghandha tintlaqa' ghajr li ghamel kritika tas-sentenzi citati minn din il-Qorti fid-Digriet taghha.

Illi f'dan il-kuntest jigi precizat li din il-Qorti ccitat il-gurisprudenza li tolqot l-istitut tal-Kjamat fil-Kawza fi proceduri Kostituzzjonali b'turija tal-interess guridiku mehtieg biex wiehed ikun parti f'kawza. Fil-kawza odjerna, it-talba tal-familja Caruana Galizia kienet biex jintervjenu fil-kawza, fejn, allura, din il-Qorti pprecizat, ukoll abbazi ta' gurisprudenza kostanti li r-rikorrent ghazel li jhalli barra mir-rikors, ma jitqisux li huma  parti fil-kawza. Jirrizulta wkoll li jistghu, koncepibbilment ikollhom  interessi li jikkonfliggu ma’ wiehed mill-partijiet.

Illi huwa rikonoxxut li l-Qrati ghandhom diskrezzjoni wiesgha biex jammettu persuni *in statu et terminis*. Dan l-interess tal-intervenut mhux mehtieg ghall-integrita' tal-gudizzju. Ghalhekk il-gudizzju huwa shih u integru minghajr l-intervenut fil-kawza. Kwindi din il-Qorti, filwaqt li tifhem li jista' ikun hemm ragunijiet impellenti biex tammetti

talba simili f'kaz ta' appell minn digriet dwar kjamat fil-kawza, ma tarax l-istess htiega u urgenza fil-kaz odjern.

Dak li jghid ir-rikorrent dwar xi allegat interess tal-familja tal-vittma biex ixekklu l-proceduri odjerna mhuwiex rilevanti ghat-talba li ghandha quddiemha din il-Qorti. Gja premess li l-interessi tal-intervenuti *in statu et terminis* ma jikkombacjawx necessarjament mal-interessi tar-rikorrent. Inoltre, t-talba fil-mertu tirrigwarda x-xhieda tal-investigaturi tal-FBI marbutin mal-operat ta' l-Avukat Martin Bajada, liema talbiet ghad iridu jigu investigati. Id-decizjoni ta' din il-Qorti hija arginata minn dawk it-talbiet.

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Paul Tanti et v. Sammy Mifsud**[1] rriteniet:-

*"Ezami akkurat ta' l-artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. "*

Illi tenut kont ir-rwol tal-intervenut kif rikonoxxut fi proceduri gudizzjarji, din il-Qorti tqis li ma ingabux ragunijiet sufficjenti biex tilqa' t-talba odjerna. Tishaq li l-kawza odjerna hija ta' indoli Kostituzzjonali fejn, allura, il-proceduri stess ghandhom jigu kompjuti bi speditezza u ma jitwaqqfux ghar-ragunijiet infondati.

---

[1] Nr. 2259/200, deciza 19 Novembru 2001 – F'dan il-kaz li kien jirrigwarda l-Artikolu 229 b'referenza ghall-Artikolu 836 tal-Kap. 12 din il-Qorti ezaminat l-import guridiku tal-emendi introdotti fil-Kap. 12 bl-Att XXIV/1995.

Ghaldaqstant tichad it-talba u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju 2018**